# Xogħol ta' restawr

Matul dawn l-aħħar snin fil-Knisja Parrokkjali tagħna sar ħafna xogħol ta' restawr biex hekk dak li ħallew missirijietna ngħadduh lil ta' warajna fl-aħjar kundizzjoni possibbli. Ħafna minn dan ix-xogħol kien iffinanzjat minn inizjattivi personali u bi ġbir permezz ta' lotterija kull ġimgħa organizzata minn Indirjana Brincat.

F'din il-ħarġa speċjali ridna niddokumentaw dan ix-xogħol kollu li sar biex hekk ukoll inħallu permezz tal-kitba dokument li juri x-xogħol li sar.

Fost l-oġġetti li kienu restawrati hemm tliet pissidijiet, tliet lampieri, partijiet mid-damask tal-festa, l-arloġġ u l-makkinarju biex jitella' t-tużel, it-tnejn xogħol ta' Mikelanġ Sapiano, ikona antika ta' San Tumas, it-twieqi tondi tal-faċċata tal-knisja, it-travi tal-qniepen kif ukoll dan l-aħħar kien restawrat is-Salib tal-Kleru li jintuża fil-festa.

Minbarra dan sar xogħol ieħor ta' manutenzjoni fuq oġġetti li jintużaw kuljum jew fl-apparat li jintuża biex tkun armata l-knisja fil-jiem tal-festa. Bla dubju mingħajr l-għajnuna finanzjarja dan ix-xogħol ma kienx isir u għalhekk grazzi speċjali tmur lill-persuna li torganizza l-ġbir għal dan il-għan u l-poplu ta' Ħal Luqa li jikkontribwixxi bi ħġaru wkoll.

Qed ikunu wkoll miġbura dokumenti storiċi li jiffurmaw parti mill-istorja tal-knisja tagħna. Dawn qed ikunu miżmuma f'arkivju apposta filwaqt li ritratti antiki qed ikunu ikkupjat fuq kompjuter biex hekk tinżamm kopja fiċ-ċert. Inħeġġu lil kull min għandu xi ritratti antiki jew marbuta ma' l-istorja tal-knisja biex jgħaddihom lill-Kappillan biex issir kopja tagħhom u l-oriġinal ikun ritornat lura.

Minkejja li sar dan kollu, fadal wisq aktar xi jsir iżda dment li hemm l-interess u l-ħeġġa ftit ftit ix-xogħol jitwettaq. L-għajnuna u l-interess min-naħa tal-komunità Ħalluqija tista' tagħtina aktar kuraġġ. Komplu għajnuna nħarsu l-patrimonju tagħna.







aktar ritratti f'paġna 23

# Sehem il-Baned fil-Festa ta' Sant' Andrija 2005

## Banda L-Unjoni

***Il-Ħadd 26 ta' Ġunju***
10.30 a.m. Quddiesa b'Radd ta' Ħajr fil-Knisja Parrokkjali f'egħluq il-125 Sena mit-twaqqif tas-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni. Iqaddes Mons. Innoċenz Borg flimkien mal-Kappillan u l-Kleru tal-Parroċċa.

***L-Erbgħa 29 ta' Ġunju***
8.00 p.m. Marċ mill-Banda Santa Katerina taż-Żurrieq mistiedna tal-Banda L-Unjoni.

***Il-Ġimgħa 1 ta' Lulju***
8.30 p.m. Marċ mill-Banda L-Unjoni u wara t-tlugħ ta' l-istatwa ta' Sant' Andrija f'Misraħ Sant' Andrija.

***Is-Sibt 2 ta' Lulju***
8.15 p.m. Marċ brijuż mill-Banda L-Unjoni u wara t-tlugħ ta' l-istatwa ta' l-Anġlu f'Misraħ Sant' Andrija. Logħob tan-Nar ta' l-Art maħdum mis-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni f'Wesgħet il-Vittmi tal-Gwerra.

***Il-Ħadd 4 ta' Lulju***
6.00 p.m. Marċ mill-Banda *12th May* ta' Ħaż-Żebbuġ mistiedna tal-Banda L-Unjoni.
7.30 p.m. L-istess banda tilqa' l-istatwa ta' Sant' Andrija b'innijiet u wara tagħmel Programm Mużikali taħt id-direzzjoni ta' Mro. Hermann Farrugia.
11.15 p.m. Marċ ta' l-aħħar mill-Banda L-Unjoni

## Banda Sant' Andrija

***It-Tnejn 27 ta' Ġunju***
8.00 p.m. Il-Banda Sant' Andrija tilqa' l-istatwa ta' Sant' Andrija fuq iz-zuntier u wara jibda marċ. Fi Triq il-Karmnu tkun inawgurata l-istatwa ta' Maximilla u l-pedestall tagħha li kienu restawrati.

***Il-Ħamis 30 ta' Ġunju***
8.30 p.m. Programm Mużikali taħt id-direzzjoni ta' Mro. Paul Schembri taħt il-Patroċinju ta' l-E.T. l-President Emeritus Dr. Ugo Mifsud Bonnici bil-parteċipazzjoni tal-kantati Julie u Ludwig, Eleonor Cassar u grupp ta' żeffiena.

***Is-Sibt 2 ta' Lulju***
8.45 p.m. Marċ mill-Banda Sant' Andrija u wara tlugħ ta' l-istatwa ta' Sant' Andrija

***Il-Ħadd 4 ta' Lulju***
10.00 a.m. Marċ mill-Banda Sant' Andrija
6.30 p.m. Marċ mill-Banda Madonna tal-Ġilju - Imqabba mistiedna tal-Banda Sant' Andrija.
7.30 p.m. Programm Mużikali taħt id-direzzjoni ta' Mro. Andrew Calleja. X'ħin l-istatwa ta' Sant' Andrija tkun f'Misraħ il-Knisja tindaqq il-Kantata lill-Appostlu Sant' Andrija flimkien mal-Kor Amadeus taħt it-tmexxija ta' Mro. Brian Cefai.
11.00 p.m. Marċ ta' l-aħħar mill-Banda Sant' Andrija.

# Aktar restawr

**Ġenb:** Lampier tal-fidda dedikat lil Sant' Anna li sar fl-1737, it-trvi tal-qniepen.

**Taħt:** Ikona li saret kmieni fis-Seklu 16 li turi lil San Tumas restawrata minn Lisa D'Ambrogio fiċ-Ċentru ta' Restawr f'Bighi

**Ara wkoll paġna 17**










ODESA
gifts, dècor and more...
***Dun Pawl Str. Luqa***

JAMS
**Ladies Wear and Accessories**
***22, Triq San Ġorg, Luqa***
***Tel: 2167 3219***